# Raħal Ġdid fi Żmien il-Franċiżi (1978-1800)



Fid-9 ta' Ġunju 1798 flotta Franċiża deheret fl-ibħra Maltin immexxija mill-Ġeneral Napuljun Bonaparti fi triqtu lejn l-Eġittu, l-Ordni ta' San Ġwann kien iffirma l-kapitulazzjoni u Malta saret tal-Franċiżi. Dak iż-żmien Franza kienet l-akbar pajjiż qawwi fl-Ewropa.

Il-Ġeneral Bonaparti u l-kmandant li ħalla warajh, il-Ġeneral Vaubois, xtaqu li Malta issir tixbaħ lil Franza kemm jista' ikun, għalhekk ħareġ ordnijiet bejn it-13-18 ta' Ġunju 1798, li bihom qaleb is-sistema amministrattiva, kostituzzjonali, leġislattivi, soċjali u oħrajn.

L-akbar taqlib li jinteressa lil istorja ta' Raħal Ġdid hu dwar dik amministrattiva.

Biex il-gżejjer Maltin ikunu maħkuma aħjar, inġabru xi suldati għal xi emerġenza u biex jitħallsu t-taxxi b'aktar effiċjenza, Bonaparti qasam lil Malta u Għawdex fi 12-il Muniċipalità. Saru sistema ta' distretti u Ħal Tarxien u Raħal Ġdid messhom ikunu fl-għaxar muniċipalità flimkien maż-Żejtun, Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq.

Barra minn din l-ordni, il-Franċiżi ħarġu digrieti li l-Maltin ma għoġbuhomx u għalhekk ma damux kwieti, fit-2 ta' Settembru 1798, meta l-Franċiżi marru jisirqu ħwejjeġ prezzjuzi mill-knejjes, il-Maltin qamu kontra dawn il-ħakkiema.

Il-Franċiżi ngħalqu fl-ibliet ta' madwar il-port u l-Maltin organizzaw irwieħhom f'battaljuni skond ir-raħal tagħhom. Il-battaljun tad-distrett ta' Raħal Ġdid kien taħt Ġużeppi Montebello. Il-Maltin bnew trunċieri u batteriji ta' kanuni jħarsu lejn l-ibliet. F'Raħal Ġdid kien hawn tnejn: fuq Kordin u f'Tal-Borġ, iħarsu lejn l-Isla u Bormla. Minn dawn iż-żewġ trunċieri l-Maltin kienu jisparaw għal fuq il-Franċiżi li jixirfu fis-swar tal-Kottonera. It-Trunċiera ta' Kordin kienet ta' theddida għall-Franċiżi minħabba li l-isparar minn hawn kien jilħaq il-bastimenti fil-port. Il-Ġeneral Vaubois ried ineħħi dan l-iskomdu billi jimbumbardja din it-trunċiera ta` Kordin.

Fil-21 ta' Novembru 1798, il-Franċiżi bdew l-attakk u billi il-Maltin ta' Kordin kienu biss 30 ruħ ħarbu lejn it-trunċiera f'tal-Borg. Il-Franċiżi baqgħu tilgħin sa Raħal Ġdid warajhom, iżda f'daqqa waħda it-trunċiera ta' Raħal Ġdid fetħet in-nar fuqhom, filwaqt li l-Maltin ta' Ħal Luqa u Ħal-Tarxien ġew jiġġildulhom. Il-Franċiżi bdew jaħarbu lura għal ġos-swar tal-Kottonera. Wara dan il-Maltin bdew jorganizzaw ruħhom malajr aħjar u fil-15 t'April 1799, in-nies ta' Kordin żdiedu għal 230 u dawk f'Tal-Borg għal 180.

Sadanittant, l-għedewwa tal-Franċiżi, il-Portugiżi u l-Ingliżi, ħadu interess b'dak li kien qed jiġri Malta u ġew jagħtu l-għajnuna lill-Maltin. Wara sentejn ġlied, il-Ġeneral Vaubois ċeda fl-4 ta' Settembru 1800.

Minn dak in-nhar, l-Ingilterra bdiet taħkem lil Malta.

***Ħajr William Camilleri.***